**STQARRIJA MILL-PRIM MINISTRU L-ONOR. ROBERT ABELA**

**FIS-SEDUTA PARLAMENTARI TAL-ERBGĦA, 21 TA' MEJJU 2025**

**ONOR. ROBERT ABELA**: Sur President, qiegħed hawn biex naġġorna lil din il-Kamra fuq l-eżitu ta' dak li seħħ dwar il-bastiment Conscience, il-laqgħa li kelli ma' sħabi l-mexxejja Ewropej f'Tirana fis-Summit tal-Komunità Politika Ewropea, u l-laqgħat uffiċjali li kelli mar-Re u l-Prim Ministru tal-Ġordan u numru ta' Ministri ta' hemmhekk ukoll.

Nibda bl-ewwel punt dwar il-bastiment Conscience. Din hija kwistjoni li issa ġiet definittivament magħluqa. Kienet kwistjoni mill-aktar sensittiva u delikata li żviluppat minn ħin għal ħin tul tista' tgħid medda ta' 17-il jum fejn ridna nibqgħu kompletament iffokati fuq din is-sitwazzjoni fluwida, għax litteralment bdiet tinbidel minn ħin għal ħin, però kien hemm interess wieħed primarju; l-interess nazzjonali u s-sigurtà ta' pajjiżna.

Din il-kwistjoni issa ġiet riżolta bi sforz kollettiv ta' Gvern sħiħ permezz ta' tliet Ministeri ewlenin: il-Ministeru għall-Affarijiet Barranin, il-Ministeru għall-Intern u s-Sigurtà u l-Ministeru għat-Trasport flimkien mal-entitajiet rispettivi li jaqgħu taħthom.

Mill-bidu ħadna pożizzjoni li dan il-bastiment jingħata l-għajnuna barra l-ibħra territorjali ta' pajjiżna fejn kien jinsab ankrat. Ridna wkoll li n-nies li kienu jinsabu abbord il-bastiment ikun jista' jkollhom is-serħan dovut li wara jiem sħaħ fuq il-baħar ikunu jistgħu jiċċaqilqu fejn xtaqu. U fil-fatt hekk seħħ.

Persuni abbord inġabu f'pajjiżna permezz ta' conveyance u ġew trasferiti minnufih lejn l-ajruport ta' Malta fejn minn hemm setgħu jkomplu bil-vjaġġ tagħhom.

L-istess konna għamilna fil-5 ta' Mejju meta sitt passiġġieri li kien hemm abbord il-bastiment kienu ġew megħjuna mill-awtoritajiet sabiex jidħlu fil-Port il-Kbir u jitwasslu lejn l-ajruport biex minn hemm setgħu jaqbdu titjira lura lejn pajjiżhom.

Il-Ħadd ukoll sid il-bastiment kellu jaqbad it-triq bil-bastiment lejn il-kenn ta' port ta' pajjiż ieħor wara li ġie rmonkat b'tug boat. Din il-ħidma kienet waħda importanti ferm. Kif għedt, ġie ingaġġat tug boat minn sid il-bastiment biex seta' jirmonkah.

Naturalment l-esperti tekniċi riedu jaraw meta l-kondizzjonijiet tat-temp kienu jippermettu li tali operazzjoni tkun tista' ssir, jiġifieri li biha t-tug boat setgħet titqabbad ma' dan il-bastiment u jkun jista' jibda l-operazzjoni ta' rmonk u b'hekk il-bastiment ma jibqax ankrat fil-Hurd's Bank.

Irrid ngħid li din il-ħidma setgħet issir anke bil-għajnuna tal-Ministeru għall-Affarijiet Barranin tat-Turkija u l-Ambaxxata Torka f'pajjiżna, pajjiż li għandna relazzjonijiet eċċellenti miegħu.

Is-sena l-oħra kellna l-Ministru għall-Affarijiet Barranin Tork Hakan Fidan li ġie jżur pajjiżna u hawnhekk tkellimna dwar koperazzjoni fuq diversi binarji. Inqalgħet din is-sitwazzjoni u erġajna sibna lil dan il-pajjiż, it-Turkija, lest li jassisti wkoll.

Sfortunatament ladarba qed insemmi l-Ambaxxata Torka f'pajjiżna ma nistax ma nsellimx il-memorja tal-Ambaxxatur Tork f'pajjiżna, il-ħabib tiegħi Erdeniz Şen li inċidentalment ħalliena l-għada li din is-sitwazzjoni ġiet riżolta.

Kien bniedem li verament kont tieħu pjaċir tqatta' l-ħin u titkellem miegħu dwar ir-relazzjonijiet bilaterali. Kien qasam miegħi li kellu mard li ma kienx ħafif u sfortunatament tilef ħajtu. Kien bniedem li kellu ħafna għal qalbu lil pajjiżna. Minn

hawn insellem il-memorja tiegħu u nagħti l-kondoljanzi tiegħi lill-familjari tiegħu. (Onor. Membri: Hear, hear)

Sur President, kienet sitwazzjoni li fiha ridna nkunu tassew iffokati favur il-ħarsien ta' Malta l-ewwel. Nirringrazzja minn hawn ukoll lill-Kap tal-Oppożizzjoni li fuq din il-materja żammejtu aġġornat u kien hemm koperazzjoni sħiħa. (Onor. Membri: Hear, hear)

Infakkar li hawnhekk kellna sitwazzjoni fejn il-bastiment kien bla bandiera, kien bla klassifikazzjoni, bla polza tal-assigurazzjoni u kien qed jagħmel talbiet biex jidħol fl-ibħra territorjali ta' pajjiżna iżda dan aħna ma aċċettajnihx. Il-ħsarat li kellu dan il-bastiment issa se jiġu msewwija fil-port ta' pajjiż ieħor fejn ġie rmonkat u jkompli bil-vjaġġ li xtaq kif fil-fatt issa sar.

Pajjiżna ħa pożizzjoni ċara mill-ewwel. Mill-bidu bgħatna s-sokkors u l-għajnuna meħtieġa meta ntalbet l-ewwel għajnuna fejn ġew ikkontrollati n-nirien li kienu ħakmu l-bastiment. Rajna wkoll li l-membri tal-ekwipaġġ kienu fi stat ta' saħħa tajjeb. Meta aċċertajna dak, offrejna anke lill-membri tal-ekwipaġġ biex jinżlu minn fuq il-bastiment u ndaħħluhom f'pajjiżna. Offerti inizjali kienu ġew rifjutati min-nies abbord il-bastiment iżda tali offerti ħallejniehom miftuħin tant li mbagħad daħħalna n-nies l-art u wassalniehom l-ajruport biex ikomplu bil-vjaġġ tagħhom bl-ajru.

Infakkar ukoll li konna bgħatna surveyor akkreditat li ġie mqabbad mill-Gvern ta' Malta fejn saret analiżi tal-ħsarat li kien hemm abbord il-bastiment. Tul is-sitwazzjoni kellna kuntatt kostanti u bdejna nżommu aġġornat b'dak kollu li kien qed iseħħ lill-Ambaxxatur Palestinjan f'pajjiżna fejn kien kompletament allinjat mal-pożizzjoni konsistenti u soda li ħadna favur l-interess ta' pajjiżna u l-istat ta' saħħa tal-membri tal-ekwipaġġ.

Sur President, ir-realtà turik ukoll li kien hemm min rewwaħ pressjoni biex nieħdu pożizzjonijiet differenti li setgħu jikkompromettu s-sigurtà ta' pajjiżna iżda aħna konna ċari u sodi favur pajjiżna l-ewwel u qabel kollox. (Onor. Membri: Hear, hear)

Minn hawnhekk nirringrazzja lil kull min ħadem qatigħ biex din is-sitwazzjoni issa ġiet riżolta b'mod definittiv.

Sur President, indur issa biex nagħti ħarsa lejn l-impenji li kelli matul tmiem il-ġimgħa li għaddiet u l-bidu ta' din il-ġimgħa.

Matul il-jum tal-Ġimgħa, 16 ta' Mejju, ipparteċipajt, kif għedt aktar qabel, fis-sitt laqgħa tal-Komunità Politika Ewropea li ġabret flimkien il-mexxejja minn madwar il-kontinent f'Tirana, l-Albanija. Dan il-format, wieħed li huwa relattivament informali imma jħalli ħafna u ħafna frott, ikompli jinkoraġġixxi djalogu politiku u koperazzjoni bejnietna l-45 kap ta' stat u ta' gvern Ewropew biex nindirizzaw l-isfidi komuni li qed naffaċċjaw bħala kontinent.

Fl-ewwel sessjoni plenarja tkellimna dwar is-sigurtà u viżjoni kondiviża għall-futur tal-Ewropa. Hawn ġie sottolinjat li s-sigurtà u r-reżiljenza huma konnessi u tkellimna dwar il-ħtieġa ta' impenn lejn koperazzjoni aktar effettiva li twassal mhux biss għal solidarjetà iżda wkoll għal stabbiltà fil-kontinent Ewropew. Għal darb'oħra l-importanza ta' ħidma lejn paċi dejjiema fl-Ukrajna u fil-Lvant Nofsani kienet ċentrali għal din id-diskussjoni.

Imbagħad ipparteċipajt f'waħda minn tliet roundtables li ġew organizzati. It-tema li pparteċipajt fiha ddiskutiet l-isfidi tal-mobbiltà, il-migrazzjoni irregolari u t-tisħiħ tal-pożizzjoni taż-żgħażagħ. Tema importanti ferm fejn tennejt li fuq livell Ewropew hemm bżonn li jittieħed approċċ strateġiku biex il-fruntieri tagħna jkunu aktar siguri

filwaqt li l-aqwa talent jiġi miżmum fil-kontinent sabiex inlaħħqu mad-domanda tas-suq tax-xogħol.

Fil-marġini tas-Summit, kelli wkoll l-opportunità li nipparteċipa f’laqgħa importanti ferm li ffokat fuq il-qagħda ta’ bħalissa fil-Lvant Nofsani. Hemmhekk kien hemm il-mexxej Spanjol Pedro Sánchez u l-mexxejja tal-Irlanda, tan-Norveġja, tal-Lussemburgu, tal-Iżlanda u tas-Slovenja, fejn iddiskutejna s-sitwazzjoni fil-Lvant Nofsani b’enfasi partikolari dak li qed jiġri ġewwa l-Medda ta’ Gaża. Fi tmiem il-laqgħa qbilna wkoll fuq dikjarazzjoni konġunta li ġiet magħluqa bejnietna s-seba' pajjiżi b'sejħa ċara sabiex il-partijiet kollha involuti jimpenjaw ruħhom favur waqfien mill-ġlied u t-twassil tal-għajnuna umanitarja fl-istrixxa ta’ Gaża.

Imbagħad, wara, jiġifieri l-pitgħada, ipparteċipajt fil-Quddiesa tal-inawgurazzjoni tal-Pontifikal tal-Papa Ljun XIV fil-Vatikan u dakinhar stess, jiġifieri l-Ħadd waranofsinhar, bqajt sejjer lejn Amman fil-Ġordan għal żjara uffiċjali importanti li kompliet iġġib liż-żewġ pajjiżi tagħna qrib xulxin.

Hemmhekk, kif għedt, kelli laqgħat kordjali ferm mal-Maestà Tiegħu, ir-Re tal-Ġordan Al Hussein bin Abdullah II kif ukoll mal-Prim Ministru Ġordaniż Jafar Hassan u numru ta’ ministri fejn iddiskutejna għadd ta’ temi inkluż is-sigurtà u l-istabbiltà fil-Lvant Nofsani, sfidi komuni, ir-relazzjonijiet bilaterali tal-pajjiżi rispettivi tagħna u t-tisħiħ tagħhom kif ukoll temi kummerċjali.

Il-Ministru Owen Bonnici li kien qed jakkumpanjani ffirma wkoll erba’ ftehimiet ġodda li se jwasslu għal aktar koperazzjoni u ħidma konġunta f'numru ta' setturi differenti, li jinkludu ftehim biex tiġi stabbilita Kummissjoni Ekonomika Konġunta Permanenti, ftehim dwar koperazzjoni teknika fl-oqsma tal-enerġija u l-ilma, ftehim dwar kollaborazzjoni fis-settur tat-turiżmu u ftehim favur kollaborazzjoni fis-settur tal-arkivjar u l-lingwa Maltija.

Matul din iż-żjara kelli wkoll l-opportunità li nżur il-kamp tar-rifuġjati Al Za'atari, li huwa operat mill-Aġenzija għar-Rifuġjati tan-Nazzjonijiet Uniti, il-UNHCR. F’dan il-kamp stajt nara mhux biss, qabel kollox, il-ġenerożità fl-għajnuna li qed joffri l-Ġordan – hemmhekk l-istat tal-Ġordan qed jagħmel xogħol impekkabbli - iżda wkoll ir-realtajiet mhux faċli ta’ madwar 70,000 rifuġjat Sirjan li jgħix hemmhekk li madwar nofshom huma tfal li kellhom jaħarbu minn pajjiżhom, il-biċċa l-kbira fl-2012, minħabba l-qilla tal-gwerra ta’ pajjiżhom. Waqt din iż-żjara ħabbart li l-Gvern Malti se jkun qed jassisti l-operat ta' dan il-kamp tar-rifuġjati u b'hekk lil dawn il-persuni nfushom b'għotja finanzjarja. (Onor. Membri: Hear, hear)

Sur President, pajjiżna huwa impenjat li jibqa’ jagħti enfasi importanti lejn ir-relazzjonijiet diplomatiċi tagħna ma’ pajjiżi oħrajn. Nibqgħu pont għall-paċi – din nenfasizzaha llum aktar minn qatt qabel - u pajjiż favur id-djalogu u d-diplomazija. L-istabbiltà tissarraf f’ġid għall-poplu tagħna u dawk madwar id-dinja. Nirringrazzjak.